# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 24

It-Tnejn 17 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**17 ta' Mejju 2021**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 24.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**24.1.01** n/a

## 24.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-23.

**24.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 23 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

**24.2.02** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat għal fejn ma saritx laqgħa tal-Kunsill fix-xahar ta' April u dan għaliex is-Segretarji Eżekuttivi ġew ordnati biex jieħdu sehem f'azzjonijiet industrijali imsejħa mill-Union minħabba kwistjoni ta' diżgwid dwar wegħdiet mhux miżmuma mill-gvern ċentrali.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**24.3.01** Cir AKL 2021/027 Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' *charging pillars*. Il-Kunsill ġie mitlub jindika sa ħames postijiet. Il-Kunsilliera għażlu l-positijet fi Triq Ta' Għammar, Triq Dun Karm Caruana, fejn l-aħħar bini fi Triq il-Knisja, Triq il-Fanal fejn kienu jinżammu l-i*skips* u fi Triq il-Maxrabija/Triq il-Fanal.

**24.3.02** Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kumitat tal-Festa għall-inawgurazzjoni tal-proġett tal-pavaljun tad-dawl u dawl ġdid fil-faċċatta tal-knisja nhar is-Sibt 29 ta' Mejju fit-8:30. Il-Kunsillier Sammy Saliba żied li l-Kumitat jixtieq li l-Kunsill jistieden uffiċċjalment lill-Ministru għal Għawdex għal dan l-avveniment. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill ħa jagħmel l-istedina dan għandu jsir lid-Deputati Għawdxin kollha. Il-Kunsilliera qalu li l-Kunsill ma kellu xejn x'jaqsam ma dan il-proġett iżda lest li jgħin fl-attivita billi jieħu ħsieb l-ispejjez inkonnessjoni maċ-ċerimonja. Iżda l-ewwel il-Kunsill jrid jara mal-Awtorita' tas-Saħħa jekk dan hux permess minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid 19.

**24.3.03** Emejl mingħand Ta' Ħġiri Blocks 1 and 2 fi Triq il-Knisja. Dawn talbu għall-sinjali sofor ħdejn l-entratura tal-garaxx peress li ma jkunux jistgħu jidħlu ġol-garaxx bil-karrozzi pparkjati. Il-Kunsill approva din it-talba u għandha tintbagħat lit-TM għall-approvazzjoni.

**24.3.04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-*Animal Welfare, Promotion and Services Directorate* fejn il-Kunsill ġie informat li m'hemm l-ebda skema minn naħa tagħhom li jagħtu ikel għal qtates tat-triq.

**24.3.05** Ittra mingħand Transport Malta dwar Leġislazzjoni Sussidjarja 5.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru.

**24.3.06** Rapport mingħand il-*Contract Manager* dwar il-ġimgħat 9-12 (1 ta' Marzu – 29 ta' Marzu). F'dan ir-rapport kien hemm indikat il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq li tagħti għal Wied il-Mielaħ. Ir-rapport tal-CM qal li dawn il-ħitan għandhom permess tal-PA.

**24.3.07** Emejl mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-talba għall-fondi ta' Aġġustament għas-sena 2021 fl-ammont ta' €3,000. Wara li sar evalwazzjoni tal-pjan tal-Kunsill Lokali tal-Għasri dawn ġew approvati.

**24.3.08** Emejl mingħand id-Divizjoni tal-Gvern Lokali dwar applikazzjoni għall-amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika.

**24.3.09** Emejl mingħand id-Divizjoni tal-Gvern Lokali dwar Opportunitajiet ta' xogħol tas-sajf 2021 għall-istudenti.

**24.3.10** Ċirkulari 2021/039 Supporting Individuals to meet daily living needs – Mentor Aid Session 28/05/2021.

**24.3.11** Email mingħand il-LESA dwar kontravenzjonijiet tal-pulizija. Dawn qed jiġu *upgraded* għal verżjoni li biha l-Avviż ta' kontravenzjoni jkollu kodiċi QR li jista' jiġi skenjat mill-ħati biex jara d-dettalji tal-kontravenzjoni minn fuq il-website les.gov.mt

**24.3.12** Email mingħand MPS Ltd., aġenzija tal-*marketing* responsabbli mill-kampanja tal-konservazzjoni tal-ilma. Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju ser ikunu jqassmu xi apparat u jixtiequ li l-Kunsil jirriserva postijiet ta' parkeġġ għat-trakk tagħhom fil-pjazza.

**24.3.13** *Acknowledgement* mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar fondi għaż-żvilupp ta' *area* ta' rikreazzjoni.

**24.3.14** Emajl mingħand il-Local Government Division dwar Light up the Night 2021 fl-okkazzjoni ta' Fibromyalgia and ME (Myalgic Encephalomyeliti) Day fit 12 ta' Mejju. Huma talbu biex jiġi mixgħul xi monument, binja jew triq bil-kuluri : blu jew vjola biex jitkabbar l-għarfien dwar dawn il-kundizzjonijiet. Il-Kunsill ħa ħsieb jixgħel il-gallerija għal din l-okkażżjoni. F'Ġunju ser ikun hemm ġurnata għal Blood Donation Awareness u l-Kunsill ser jixgħel il-faċċata ħamra għal din l-okkazzjoni.

**24.3.15** Ċirkulari 2/2021 – Ħlasijiet dwar Kuntratti jew Xogħol Urġenti.

**24.3.16** Ċirkulari Numru SPI/SCI/4/2021 – Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja.

**24.3.17** Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2021 – Tnedija mill-ġdid tal-'Community Inclusive Employment Scheme' (CIES).

**24.3.18** Ċir AKL/2021/037 Group Life Policy – Membri Eletti. Il-Kunsill irċieva emejl mingħand is-Sur Mario Fava fejn qal li għalkemm fl-ewwel ċirkulari dwar dan is-suġġett ĊIR AKL 2021/014 il-ħaddiema tal-Kunsill kienu qed jiġu nklużi issa qed jistenna mingħand il-Union u qed jipproċedi għall-membri eletti biss.

**24.3.19** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PA/01443/21 Site at, Pjazza s-Salvatur, Triq il-Fanal, Għasri b' xi talbiet mingħand il-perit dwar l-applikazzjoni. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu tkellem mal-perit biex dawn it-talbiet jintbagħtu urġenti.

**24.3.20** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Għasri fil-proġet tal-Erasmus mhux ha jitkompla peress li fih ħafna responsabbilitajiet.

**24.3.21** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hemm xi apparat elettroniku li m'għadux jaħdem u jrid jintrema. Il-Kunsilliera approvaw ir-rimi ta' żewġ *telephones* u UPS.

**24.3.22** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu talba għall-*bollard* fil-kantuniera ta' dar fi Triq tal-Fenek. F'din ir-residenza m'hemmx bankina u għalhekk hemm bżonn din il-*bollard*. Il-Kunsilliera qablu li ssir din il-*bollard*.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**24.4.01** Il-Viċi Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li saret mal-Isqof Theuma. Hu attenda f'isem il-Kunsill tal-Għasri. Is-Sur Mintoff qal li kienet laqgħa kordjali ħafna. Is-Sur Mintoff qal li l-Kunsill minn dejjem kien jaħdem id f'id mal-parroċċa u dan l-aħħar anke fir-restawr tal-knisja.

**24.4.02** Il-Viċi Sindku staqsa fejn waslet is-sejħa tad-disinn tal-Pjazza. Is-Sindku nfurmah li għad trid issir laqgħa mal-persuna li ser joħroġ din is-sejħa. Il-Viċi Sindku qal li mportanti li dan il-proġett jibqa miexi.

**24.4.03** Il-Viċi Sindku, Emanuel Mintoff informa lill-Kunsill li rċieva lmenti dwar il-bżonn li jitnadaff parti mill-wied ta' Wied Sara. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol. Dan ix-xogħol ser jiġu mogħti lill-Kuntrattur.

**24.4.04** Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff staqsiet dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Knisja fuq il-wied. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex qed jistenna l-permess mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

**24.4.05** Il-Kunsillier Sammy Saliba qal li hemm ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fi Triq il-Wilġa u dan twaqqà mill-kuntrattur meta kien qed jirranġa t-triq. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li dan ir-rapport diġa għamlitu.

**24.4.06** Il-Kunsillier Salvu Felice Pace ġibed l-attenzoni dwar ħofra fi Triq il-Wilga.

## 24.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2020;

**24.5.01** Il-Kunsill iddiskuta l-*Financial Statements* 2020 kif ġew aġġustati mill-Awditur. Il-Financial Statements 2019 ġew approvati unanimament.

## 24.6 Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma (Business Plan);

**24.6.01** Business Plan (Pjan ta' Ħidma). Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 24.7 Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv;

**24.7.01** Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2020 tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Dan ir-rapport ġie diskuss u approvat unanimament. Is-Sindku, Viċi Sindku u kunsilliera ħadu ħsieb jippreżentaw ir-rapporti dwar il-ħidma tagħhom. Dawn ġew inklużi fir-Rapport Annwali Amministrattiv kif hemm stipulat f'Ċirkulari 7/2019.

## 24.8 Laqgħa Pubblika;

**24.8.01** Il-Laqgħa Annwali ser issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju fis-7 ta' filgħaxija. F'din il-laqgħa ser jiġu diskussi r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma. Wara din il-laqgħa ssir il-laqgħa tal-Kunsill.

## 24.9 Il-Bini tal-Latrina Pubblika fl-Għasri.

**24.9.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li saru diversi laqgħat mal-pulizjia u hu flimkien mas-Segretarja Eżekuttiva ġew informati li l-għassa tal-Għasri ser tingħalaq permanenti u l-propjeta tingħata lura lis-sid (peress li din hija propjeta privata). Dan is-sit jinkorpora wkoll il-berġa kif ukoll "storage" tal-Kunsill. Peress li fl-Għasri m'hemmx art tal-gvern disponibbli ħlief għal dik ta' Triq il-Fanal li l-Kunsill m'ingħatax devoluzzjoni tagħha, is-Sindku ssuġġerixxa li waħda mill-latrini pubbliċi tinbidel f'area ta' berġa u "storage", filwaqt li l-latrina pubblikka l-oħra jsir unisex. Fil-preżent il-latrini pubblici huma kbar ħafna u dawn is-siti jistgħu jiġu utilizżati ħafna aħjar. Il-Kunsilliera kollha qablu ma dan is-suġġeriment. Il-Kunsill għandu jitlob għal bidla fl-użu ta' waħda minn dawn is-siti lid-dipartiment tal-artijiet peress li dawn is-siti huma diġa devoluti lill-Kunsill.

## 24.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti; u

**24.10.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-24 u 8-24b biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskedi kif ippreżentati ġew aċċettati mill-Kunsill. Kopji ta' dawn l-iskedi qed jinhemżu mal-minuti.

## 24.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**24.11.01** Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju wara l-laqgħa pubblika li ser tibda fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, it-Tnejn 17 ta' Mejju 2021.

**IFFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv